# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 16 ta' Mejju, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Matthew Bonello**

**Jeremy (Jeremy Paul) Bonello**

**Dale Bonello**

**Ose Isidohamen**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Matthew Bonello** detentur tal-karta tal-identita` 142984(M); u

**Jeremy (Jeremy Paul) Bonello** detentur tal-karta tal-identita` 83575(M); u

**Dale Bonello** detentur tal-karta tal-identita` 321297(M); u

**Ose Isidohamen** detentur tal-passaport Nigerian numru A08622297.

Fejn huma gew akkuzati talli f`dawn il-Gzejjer fil-25 ta` Mejju 2018 ghal habta tas-saghtejn u nofs neqsin hamsa ta` wara nofs in-nhar(02:25p.m) fi Triq Sant` Andrija, Swieqi u/jew fil-vicinanzi :

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Saifeddine Oueslati (Art 216 Kap 9 tal- Ligijiet ta` Malta).

2. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qawmu rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmlu omicidju jew offiza fuq il-persuna ta` Saifeddine Oueslati (Art. 238 (b) Kap 9 Ligijiet ta` Malta).

3. Akkuzati aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art 338(dd) Kap. 9 tal-Kodici Kriminali).

Lil Jeremy Bonello wahdu talli rrenda ruhu recidiv ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti hi gentilment mitluba illi f`kaz ta htija tipprovdi ghal garanzija ta` Saifeddine Oueslati skond artikolu 383 tal- Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat in-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-18 ta’ Jannar, 2019 (esebita a fol. 71 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista’ tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputati taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-artikoli 216, 238(b) u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-artikoli 325(1)(b), 338(dd) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront ta’ Jeremy (Jeremy Paul) Bonello wahdu;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta’ Frar, 2019 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala' fil-25 ta' Mejju 2018 ghall-habta ta' 2.25pm fil-pompa tal-petrol li tinsab fi Triq Sant' Andrija, Swieqi fejn inqala' argument bejn haddiem tal-pompa tal-petrol u l-parti civili minhabba li dan tal-ahhar allega li l-haddiem kien irrifjuta jiftahlu t-tapp tat-tank tal-petrol u fejn sussegwentement gew involuti haddiema ohra u l-propjetarji tal-pompa tal-petrol, u cioe' l-imputati fil-kawza odjerna. Il-parti civili prezenta lill-Pulizija certifikat mediku (a fol. 17 tal-atti processwali) fejn gie indikat li huwa sofra griehi ta' natura gravi bhala konsegwenza ta' dan l-incident liema griehi kienu jikkonsistu f'devjazzjoni lejn il-lemin tal-imnieher, tbengila fuq l-id ix-xellugija u barxa fir-rigel tal-lemin u ugiegh fl-ghonq. Il-parti civili allega wkoll li l-imputati kienu qattawlu l-hwejjeg li kien liebes waqt il-glieda. Il-parti civili utilizza pepper spray li kellu fil-vettura tieghu waqt il-glieda li nqalghet. L-imputati fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati (inseriti a fol. 18 et sequitur tal-atti processwali) sostnew li kien il-parti civili li hebb ghalihom u beda joffendihom u jheddidhom meta mar ghas-sodisfazzjon ghaliex allega li wiehed mill-imputati kien irrifjuta jiftahlu t-tap tat-tank tal-petrol.

Illi l-parti civili waqt l-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2018 irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputati u ghazel li ma jixhidx minhabba l-possibilita' li jinkrimina ruhu.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tar-rinunzja da parti tal-parti civili l-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tielet imputazzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Illi in kwantu jirrigwarda t-tlett imputazzjonijiet l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti tal-imputati l-Qorti jidrilha li ebda wahda minn dawn l-imputazzjonijiet ma tista' titqies li tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni la jirrizulta min ikkaguna l-griehi gravi li l-parti civili allega li sofra bhala konsegwenza tal-glieda li tifforma l-mertu tal-proceduri odjerni kif l-anqas ma jirrizulta jekk effettivament dawn il-griehi gewx kagunati fl-incident li jifforma l-mertu tal-kawza stante li ghalkemm fic-certifikat mediku li saret referenza ghalih aktar il-fuq hemm indikat li l-parti civili kellu devjazzjoni tal-imnieher, minn imkien mill-provi ma jirrizulta li tali devjazzjoni effettivament gratx fl-incident tal-25 ta' Mejju 2018 jew altrimenti kinitx hemm qabel.

Illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni prezentat CCTV recording (a fol. 52) bhala prova ta' dak li sehh fil-25 ta' Mejju 2018 din il-Qorti ma setghatx tasal ghall-konkluzzjoni dwar kif u min qala' l-glieda. Din Il-Qorti ghandha biss il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputati dwar dak li sehh dakinhar u ghalhekk jidrilha li huma rnexxielhom jippruvaw sal-grad tal-probabbli li effettivament kien il-parti civili li hebb ghalihom, heddidhom u holoq il-kommozzjoni kollha. Dan ifisser li l-imputati ma jistghux jinstabu hatja tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom.

Stante li l-Prosekuzzjoni rtirat l-akkuzi fil-konfront tal-imputat Ose Isidohamen fis-seduta tallum, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom u l-imputat Jeremy Bonello wahdu tal-addebitu tar-recidiva u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet. Stante r-rinunzja da parti tal-parti civili l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur